

V

(Avviżi)

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Każ COMP/M.6543 – Ahold/Flevo)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 99/05)

1. Fit-23 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha Koninklijke Ahold N.V. (il-Pajjiżi l-Baxxi), il-kumpanija ewlenija ta' Ahold Group ("Ahold"), tikseb fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ ta' Flevo Deelnemingen III B.V. ("Flevo", il-Pajjiżi l-Baxxi), il-kumpanija possedenti ta' bol.com N.V. ("bol.com", il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Ahold: bejgħ bl-imnut kemm onlajn kif ukoll offlajn, ta' oġġetti tal-ikel, oġġetti tal-konsum ta' kuljum, prodotti tas-sbuħija u għall-kura tas-saħħa, inbid u likur,
- għal Flevo (bol.com): bejgħ bl-imnut onlajn ta' kotba, kotba elettroniċi, DVDs, mużika, loġhob tal-kompjuter, ġugarelli, prodotti elettroniċi għall-konsumatur, kompjuters u softwer għall-konsumatur, fil-Pajjiżi l-Baxxi u fil-Belġju.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6543 – Ahold/Flevo, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").